

## X'inhu l-EJN?

Aħna l-ewwel mekkaniżmu prattiku strutturat ta' koperazzjoni ġudizzjarja li sejjer isir operattiv tabilħaqq fl-Unjoni Ewropea.

Ġejna maħluqa fl-1998 permezz tal-Azzjoni Konġunta 98/428 ĠAI sabiex tiġi miġġielda l-kriminalità serja b'mod deċentralizzat, flessibbli u orizzontali.

Fl-2008 il-bażi legali tagħna ġiet imsaħħa permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 976/ĠAI dwar l-EJN u fil-preżent għandna aktar minn 400 Punt ta' Kuntatt imxerrda madwar l-UE kif ukoll f'Pajjiżi Kandidati u Terzi!

## Is-Segretarjat tal-EJN

Is-Segretarjat huwa l-korp amministrattiv tagħna li jiżgura l-iffunzjonar u l-kontinwità tal- EJN flimkien. Ir-responsabbiltajiet ewlenin tiegħu jinkludu:

- Jippermetti lill-Punti ta' Kuntatt sabiex iwettqu d-dmirijiet tagħhom;
- L-istabbiliment, il-manutenzjoni u t-titjib tal-websajt tal-EJN u tal-għodod elettroniċi operattivi tiegħu;
- Tqassim ta' informazzjoni lill-Punti ta' Kuntatt u l-partijiet interessati dwar l-attivitajiet tal-EJN u dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja;
- L-iżgurar ta' rappreżentanza u l-istabbiliment ta' relazzjonijiet ma' Netwerks Ġudizzjarji u strutturi fil-qasam tal-koperazzjoni ġudizzjarja fi ħdan l-UE u lil hinn minnha.

## Ikkuntattjana fuq:


EJN Secretariat

Maanweg 174
2516 AB, The Hague
The Netherlands
Tel. +31 (0) 70412 5579
Fax: +31 (0) 70412 5570
E-mail: ejn@eurojust.europa.eu
http://www.ejn-crimjust.europa.eu




# Netwerk Ġudizzjarju Ewropew (EJN)

Leaflet_MT.indd 1 4/11/2011 10:50:44 AM

# X’inhu l-iskop tagħna?

L-għan tagħna huwa li noħolqu koperazzjoni ġudizzjarja aktar effettiva, b’mod partikolari fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja, permezz ta’:

- Li naġixxu bħala intermedjarji attivi biex niffaċilitaw il-koperazzjoni ġudizzjarja;
- L-għoti ta’ tagħrif legali u prattiku lill-awtoritajiet lokali kompetenti, inkluż permezz tal-websajt tagħna;
- L-għoti ta’ appoġġ għal talbiet għal koperazzjoni ġudizzjarja;
- Il-ħolqien ta’ kultura ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea; u
- Koperazzjoni ma’ Netwerks Ġudizzjarji oħrajn, pajjiżi terzi u sieħba ġudizzjarji.

## Min aħna:

L-EJN huwa kompost minn Punti ta’ Kuntatt, komunità ta’ imħallfin, prosekuturi, rappreżentanti tal-Ministri tal-Ġustizzja, impenjati bis-sħiħ sabiex ipoġġu l-esperjenza tagħhom għall-benefiċċju ta’ koperazzjoni ġudizzjarja Ewropea fi kwistjonijiet kriminali.

**L-EJN hija 100% operattiva!**

# Kif naħdmu?

Biex niksbu koperazzjoni effettiva:

- Nippromwovu koperazzjoni ġudizzjarja bejn l-awtoritajiet lokali tagħna;
- Nipprovdu lill-awtoritajiet lokali b’tagħrif legali u prattiku dwar il-koperazzjoni ġudizzjarja;
- Nippromwovu l-organizzazzjoni ta’ sessjonijiet ta’ taħriġ dwar il-koperazzjoni ġudizzjarja;
- Il-Korrispondent Nazzjonali f’kull SM huwa responsabbli għall-ħidma interna tan-Netwerk; u
- Il-Korrispondenti tal-Għodda huma inkarigati li jipprovdu u jaġġornaw l-informazzjoni dwar l-SM tagħhom fl-għodod elettroniċi.

## Kif nibnu l-Fiduċja Reċiproka tagħna?

Niltaqgħu bosta drabi fis-sena biex niġbru tagħrif dwar id-diversi sistemi legali tal-UE, naqsmu esperjenzi dwar il-koperazzjoni ġudizzjarja u nsiru nafu lil xulxin!





## Kif nistgħu ngħinuk?

- Billi nidentifikaw u nistabbilixxu kuntatti diretti mal-awtorità lokali kompetenti fi SM ieħor li lilha inti tista’ tibgħat talba għal koperazzjoni ġudizzjarja, jiġifieri EAWs u MLAs;
- Billi niksbu tagħrif legali u prattiku dwar koperazzjoni ġudizzjarja fi SM oħrajn;
- Billi nipprovdulek konnessjoni sigura tat-telekomunikazzjoni;
- Billi nimmedjaw biex nirrisolvu diffikultajiet u dewmien li jinqalgħu fl-implimentazzjoni ta’ talbiet għal koperazzjoni ġudizzjarja; u
- Fl-għoti ta’ pariri dwar l-approċċ korrett għal koperazzjoni f’każijiet kriminali kumplessi bejn awtoritajiet kompetenti fi SM.

**http://www.ejn-crimjust.europa.eu**

Leaflet_MT.indd 2 4/11/2011 10:50:48 AM